

- tiddikjara li l-oppożizzjoni tar-rikorrent għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Nru 5 890 009 intlaqgħet u tiċħad l-applikazzjoni għal tali trade mark
- tikkundanna lill-Associazione Nazionale del Popolo della Libertà għar-rimbors tal-ispejjeż.

Motivi u argomenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Associazione Nazionale Circolo del Popolo della Libertà

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali "PARTITO DELLA LIBERTA'" (applikazzjoni għal trade mark Nru 5 890 009) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 14, 16, 24, 25, 35, 36, 48, 41, 42 u 45

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Raffaello Morelli

Trade mark jew sinjal invokat: isem tad-dominju "partitodellaliberta.it" mogħti mill-awtorità proposta għall-assenjazzjoni tad-dominji "it" fid-9 ta' Awwissu 2004 lil Raffaello Morelli, li l-opponenti jiddikjaraw li kienu użati fil-prassi kummerċjali normali għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 35, 38, 41 u 45

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009, dwar it-trade mark Komunitarja, evalwazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "użu normali fil-prassi kummerċjali" b'riferiment għal isem użat fil-kamp politiku u evalwazzjoni żbaljata tad-dokumenti li juru l-użu kummerċjali tas-sinjal preċedenti.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2011 — Morelli vs UASI — Brambilla (Partito della Libertà)

(Kawża T-322/11)

(2011/C 238/58)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Raffaello Morelli (Livorno, l-Italja) (rappreżentant: G. Brenelli, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Michela Vittoria Brambilla (Milano, l-Italja)

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannullha d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tas-17 ta' Mejju 2011 u dik tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-14 ta' Mejju 2010
- tiddikjara li l-oppożizzjoni tar-rikorrent kontra l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Nru 6 203 012 hija milqugħa u tiċħad l-applikazzjoni għal tali trade mark

- tikkundanna lil M. V. Brambilla għall-ispejjeż

Motivi u argomenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: Michela Vittoria Brambilla

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark figurattiva li fiha l-element verbali "Partito della Libertà" (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6 203 012), għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 14, 16, 24, 25, 35, 36, 38, 41, 42 u 45.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Raffaello Morelli

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Isem tad-domain "partitodellaliberta.it", assenjat mill-Awtorità proposta għall-assenjazzjoni tad-domains "it" fid-9 ta' Awwissu 2004 lil Raffaello Morelli, li l-opponenti sostnew li ġie użat fil-kors tal-kummerċ għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 35, 38, 41 u 45.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009, dwar it-trade mark Komunitarja, evalwazzjoni żbaljata tal-kunċett ta' "użat fil-kors tal-kummerċ" b'riferiment għal isem użat fil-qasam politiku, u evalwazzjoni żbaljata tad-dokumenti li jipprovaw l-użu kummerċjali tat-trade mark preċedenti.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2011 — MasterCard et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-330/11)

(2011/C 238/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: MasterCard, Inc. (Wilmington, l-Istati Uniti), MasterCard International, Inc. (Wilmington, l-Istati Uniti) u MasterCard Europe SPRL (Waterloo, il-Belġju) (rappreżentanti: B. Amory, V. Brophy u S. McInnes, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara r-rikors ammissibbli;
- tannulla, fl-intier taġġha, id-deċiżjoni negattiva tal-Kummissjoni bbażata fuq l-eċċezzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331);
- tiddikjara li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 hija infondata fid-dritt; u